MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 632/2003

**Emanuel Camilleri**

***Versus***

**Lisa *sive* Lisa May Camilleri**

F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-konvenuta tħallas sehemha minn dejn lil terzi.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet, li huma miżżewġin, infirdu bis-saħħa ta’ kuntratt tat-13 ta’ Novembru 2001. Bis-saħħa ta’ dak il-kuntratt il-partijiet kienu ftiehmu hekk:

9. Il-komparenti konjuġi Camilleri jaqblu u jiddikjaraw illi d-debiti u l-obbligazzjonijiet kollha eżistenti sad-data ta’ dan il-kuntratt mal-*Bank of Valletta p.l.c.* għandhom jibqgħu a karigu esklussiv tar-raġel filwaqt illi dak eżistenti mal-*HSBC Bank (Malta) p.l.c.* fl-ammont li ma jeċċdix is-somma kumplessiva ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) għandu jibqa’ a karigu esklussiv tal-mara. … … …

Il-konvenuta naqset milli twettaq din l-obbligazzjoni tagħha, u baqgħet ma ħallsitx id-dejn li kellha tħallas.

Ġara illi fil-15 ta' Jannar 2003 *HSBC Bank Malta p.l.c.* ippreżenta avviż quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontra l-partijiet u talab li dawn ikunu kundannati jħallsu d-djun li għandhom miegħu, flimkien ma' l-imgħax mit-28 t'Awissu 2002 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż. L-attur ikkontesta t-talbiet tal-bank għax dawn id-djun kienet ħadithom fuqha l-konvenuta. It-Tribunal għal Talbiet Żgħar, billi deherlu illi ma kellux kompetenza jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni, ta lill-attur żmien sabiex jiftaħ il-kawża tallum.

L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi din il-qorti:

1. tgħid illi d-djun kollha ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.* fiż-żmien meta sar il-kuntratt ta' firda personali tgħabbiet bihom il-konvenuta u għalhekk għandha tħallashom hi;
2. tordna lill-konvenuta tħallas dawk id-djun, sa mhux aktar minn elf lira (Lm1,000);
3. tikkundannaha wkoll tħallas l-imgħaxijiet bankarji minn dakinhar tal-kuntratt u l-ispejjeż ġudizzjarji li saru għalxejn;
4. tgħid illi, talli l-konvenuta ma ħallsitx id-dejn mal-bank, l-attur ġarrab u għadu jġarrab danni minħabba mgħaxijiet u spejjeż ġudizzjarji u profesjonali li qiegħed ibatihom hu wkoll meta kellha tħallashom il-konvenuta;
5. tillikwida dawn id-danni; u
6. tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż ta' din il-kawża.

Il-konvenuta, għalkemm notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, la ressqet eċċezzjonijiet u lanqas dehret għas-smigħ tal-kawża.

Il-fatti ta' din il-kawża huma sempliċi:

Il-partijiet huma miżżewġin iżda nfirdu b'kuntratt tat-13 ta' Novembru 2001 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà. Bis-saħħa tal-patt miġjub fuq intrabtu illi d-djun kollha ma' *Bank of Valletta p.l.c.* iħallashom l-attur waqt illi d-djun ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.* sa mhux aktar minn elf lira (Lm1,000) tħallashom il-konvenuta. Il-kuntratt ma jgħid xejn dwar x'kellu jsir mill-bqija tad-dejn ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.* jekk dan ikun aktar minn elf lira (Lm1,000); għalhekk il-bqija fuq l-elf lira (Lm1,000) għandhom iħallsuhom iż-żewġ partijiet f'ishma ndaqs.

Naturalment, dan il-ftehim kien jorbot biss lill-partijiet; quddiem il-bank baqgħu debituri t-tnejn u l-ftehim ma naqqas xejn mill-jedd tal-bank li jfittixhom it-tnejn, kif fil-fatt għamel. Il-ftehim bejn il-partijiet ma kellu ebda relevanza għall-kawża li fetaħ il-bank, li għalih kien *res inter alios acta*, u għalhekk din il-qorti ma tarax għala t-Tribunal għal Talbiet Żgħar kellu jwaqqaf il-kawża li fetaħ il-bank sakemm tinqata' din tallum. Għall-istess raġuni, l-ewwel talba ta' l-attur, li trid illi l-qorti tgħid illi d-djun ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.* "huma a karigu esklussiv" tal-konvenuta, tista' tintlaqa' biss safejn tolqot ir-relazzjoni bejn il-partijiet, u ma tistax tolqot ir-relazzjonijiet ma' terzi.

L-attur qiegħed jitlob illi l-konvenuta tħallas dejn lejn terzi li ma humiex parti fil-kawża. Għalkemm ma huwiex hu l-kreditur, madankollu għandu interess jagħmel it-talba għax hu wkoll huwa marbut, quddiem il-kreditur, għall-ħlas tad-dejn. Il-pożizzjoni ta' l-attur tixbah lil dik ta' min huwa marbut għad-dejn ta' ħaddieħor, u għaldaqstant l-attur għandu l-istess drittijiet kontra l-konvenuta għar-rilevanza bħal ma għandu garanti taħt l-art. 1948 tal-Kodiċi Ċivili.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet ta' l-attur:

1. tgħid illi l-konvenuta, mid-dejn illi l-partijiet għandhom ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.*, għandha tħallas sehem li jkun daqs elf lira (Lm1,000) u nofs il-bqija tal-bilanċ tad-dejn fit-13 ta' Novembru 2001, flimkien ma' l-imgħaxijiet relativi mit-13 ta' Novembru 2001 sa meta jsir il-ħlas;
2. tikkundanna lill-konvenuta tħallas dan is-sehem tad-dejn u mgħaxijiet, u l-ispejjeż u d-drittijiet tal-bank fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, b'dan illi l-ħlas għandu jsir f'idejn l-Avukat Vincent Galea li huwa maħtur mill-qorti bir-responsabbiltà illi, hekk kif jirċievi l-ħlas, għandu jgħaddih minnufih lill-bank akkont tad-dejn li għandhom il-partijiet;
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur sehmu mill-ispejjeż quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar; u
4. tikkundannaha tħallas ukoll l-ispejjeż ta' din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------